# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, l-1 ta' Frar, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 95/2018/1 BS**

**Salvu Mintoff & Sons Limited u Mario Gatt personalment**

**v.**

**Victor Hili u Joseph Grima f'isimhom propju u f'isem is-soċjetajiet kummerċjali Little Rock Quarry Ltd (C-19497), Road Construction Co. Ltd (C-15677) u Rotciv Co. Ltd (C-9329) u l-Avukat Carmelo Galea f'ismu propju *in solidum* bejniethom u l-Avukat Patrick Valentino bħala r-Rettur tal-Benefiċċju Lajkali imsejjaħ Abbazia di Sant' Antonio delli Navarra maħtur mill-Patrun u kkonfermat b'digriet Arċiveskovili tal-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u f'isem u għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Benefiċċju għal kull interess li jista' jkollhom.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)

(Sezzjoni Ġenerali), nhar it-30 ta' Ġunju, 2023, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ħelset lill-konvenuti kollha, għajr għal Victor Hili u Joseph Grima bħala rappreżentanti tal-kumpanija Road Construction Co. Ltd, mill-ħarsien tal-ġudizzju, u ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kollha kontrihom.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-16 ta' Novembru, 2018, l-atturi fissru li huma ilhom għal bosta snin fil-pussess ta' art fl-inħawi magħrufa bħala "*Tal-Qasam*", jew "*Ta' Vardati*" jew "*Tan-Nemes*" jew "*Tal-Ħawli*", fil-limiti tal-Qala ġewwa l-Gżira ta' Għawdex, u dan kif murija aħjar fuq żewġ pjanti mmarkati bl-ittri '*SMS*', f'paġni 7 u 10 tal-atti tal-kawża. Filwaqt li stqarrew li għandhom fis-seħħ ftehim, li kienu għamlu mal-awturi tar-rettur tal-Benfiċċju Lajkali konvenut, dwar il-qtugħ tal-materja prima minn dik l-art, l-atturi ilmentaw li fl-għodwa tas-Sibt, 6 ta' Ottubru, 2018, il-konvenuti jew uħud minnhom, daħlu ġewwa l-art li hija fil-pussess tagħhom u kontra xewqithom, kif ukoll bi vjolenza, waħħlu bosta vireg u għamlu xi sinjali fuq dik l-art.

3. Fuq il-premessa li dawk il-vireg u s-sinjali kienu qegħdin ifixkluhom f'ħidmiethom bħala operaturi ta' barriera, u għaliex dawk il-vireg u s-sinjali tħallew fejn tpoġġew, l-atturi fetħu din il-kawża kontra l-konvenuti, u talbu

lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-vireg u kull sinjal ieħor imwaħħla mill-intimati jew min minnhom huma illegali, abbużivi u invadenti u t-twaħħil tagħhom jikkostitwixxi spoll.*
>
> *2. Tiffissa terminu qasir u perentorju li fih l-intimati għandhom ineħħu l-imsemmija vireg u kull sinjal ieħor illegali.*
>
> *3. Fin-nuqqas, tiffissa terminu lill-esponenti sabiex jaqilgħu huma dawn il-vireg jew sinjali għas-spejjeż tal-intimati.*
>
> *Bl-ispejjeż u l-konvenuti intimati huma inġunti għas-subizzjoni.»*

4. Bi tweġiba mressqa fl-14 ta' Diċembru, 2018, il-konvenuti kollha wieġbu għal din il-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Preliminarjament l-eċċipjenti Victor Hili u Joseph Grima personalment, Little Rock Quarry Ltd, Rotciv Co. Ltd, l-Avukat Carmelo Galea u l-Avukat Patrick Valentino nomine mhumiex leġittimi kontradditturi f'din il-kawża u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kollha a karigu tal-atturi.*
>
> *2. Fil-mertu, l-atturi għandhom jippruvaw l-elementi tal-azzjoni mressqa minnhom, inkluż l-element tal-pussess kif rikjest mil-liġi u l-ġurisprudenza.*
>
> *3. Inoltre, kull wieħed mill-atturi għandu jikkonferma d-diminuzzjoni tal-pussess, dannu jew tfixkil fit-tgawdija ta' xi drittijiet possessorji allegati minnhom.*
>
> *4. F'kull każ, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*
>
> *Il-pretensjonijet vantati mill-atturi jemanixxu* [*sic*] *minn żewġ skritturi privati datati l-14 ta' April 1998 u t-28 ta' April 1998 rispettivament. Madankollu, kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, dawk l-iskritturi mhux biss kienu suġġetti għal kundizzjoni li rrendiethom nulli u invalidi ex tunc, imma saħanistra baqgħu qatt ma ġew attwati mill-partijiet propju għaliex it-tnejn li huma kienu konsapevoli bl-invalidità u nullità u konsegwentement mhux minnu li l-atturi, jew xi ħadd fosthom, qatt kellu xi pussess fuq l-art de quo.*
>
> *5. F'kull każ ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-eċċipjenti kollha ma kkommettew l-ebda diminuzzjoni tal-pussess, dannu jew tfixkil fit-tgawdija ta' xi drittijiet possessorji ta' xi wieħed jew aktar mill-atturi.*

> *6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), iddeċidiet il-kawża hekk:

> *«Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti kollha għajr għal Victor Hili u Joseph Grima qua rappreżentanti tas-soċjetà Road Construction Co. Ltd mhumiex leġittimi kontradittùri u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet tal-atturi.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-atturi.»*

6. Fost ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kien hemm dawn li ġejjin:

> *« Kif ġa ngħad billi l-azzjoni li għandha quddiemha llum din il-Qorti hija dik ta' spoll, hija għandha timxi biss fuq l-elementi tal-azzjoni ta' spoll, billi teżamina biss l-allegat pussess jew detenzjoni u l-allegat att spoljattiv kif dispost fl-**Artikolu 791 (3) tal-Kapitolu 12**.*
>
> *Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata din il-Qorti ser tkun qed iżżomm distinzjoni bejn l-azzjoni ta' natura possessorja u azzjoni ta' natura petitorja u dan għaliex iż-żewġ azzjonijiet huma msejsa fuq binarji totalment differenti minn xulxin. F'azzjoni ta' spoll bħal dik odjerna l-Qorti hi prekluża milli titratta aspetti rilevanti unikament għall-azzjoni petitorja u mhux dik possessorja.*
>
> *Imiss issa li l-Qorti tqis l-elementi ta' l-ispoll wieħed wieħed.*
>
> *i) Azzjoni fi żmien xahrejn*
>
> *Rigward dan l-element minn qari tal-liġi jirriżulta li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn, u dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi ppruvat mill-attur. Fil-każ odjern ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-azzjoni ta' spoll ġiet imressqa fi żmien xahrejn minn meta seħħ l-allegat att spoljattiv. Mill-atti jirriżulta li dan l-att seħħ fis-6 ta' Ottubru, 2018 u l-azzjoni ġiet intavolata fis-16 ta' Novembru 2018 għaldaqstant fit-terminu perentorju imsemmi.*

*ii) Pussess*

*F'azzjoni ta' spoll l-atturi jeħtiġilhom juru li kienu fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt tal-ħaġa li qegħdin jilmentaw li minnha ġew spoljati. Dan il-pussess irid ikun fid-deher, ukoll jekk ikun għal żmien qasir anke jekk momentarju iżda l-pussess ma jistax ikun wieħed ekwivoku. Huwa stabbilit ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt.*

*L-ispoll li minnu jilmentaw minnu l-atturi jirrigwarda tqegħid ta' vireg mill-konvenuti fuq art li huma jippretendu li hija fil-pussess tagħhom. Jibda biex jingħad illi mix-xhieda jirriżulta ċar illi l-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet tirrigwarda biċċa art li tinsab bejn il-barrieri tal-kontendenti u li għalhekk tifred barriera minn oħra, l'hekk imsejħa buffer zone.*

*Il-Qorti tinnota li filwaqt li s-soċjetà konvenuta Road Construction Co. Limited tramite Victor Hili tinsisti li bejn il-barrieri hemm bufferzone u li l-vireg tpoġġew f'din il-medda ta' art, Mario Gatt min-naħa tiegħu jgħid illi l-buffer zone hija xi ħaġa fittizja u li l-art hija tas-soċjetà attriċi. (a fol 158d tal-proċess). Il-Qorti però tqis li l-verżjoni mogħtija minn Mario Gatt hija għalkollox imxejna mis-sottomissjoni li saret mill-avukat tal-istess Mario Gatt waqt l-aċċess li afferma illi, «**...il-buffer zone kien stipulat mill-Planning Authority kemm għall-premess tas-Sur Gatt u kemm tas-Sur Hili u l-buffer zone kien ta' ħames metri fuq in-naħa tas-Sur Gatt u ħames metri fuq in-naħa tas-Sur Hili u kien hemm ħajt ta' deliminazzjoni ...»** Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-buffer zone kienet teżisti bejn il-barrieri. Tagħmilha ċara illi waslet għal din il-konklużjoni abbażi tax-xhieda u r-ritratti esibiti billi meta hija stess aċċediet fuq il-post, l-art fejn suppost li kien hemm din il-buffer zone u allura l-vireg, ma kienux għadhom hemm u kien hemm biss dagħbien għal ġol-barriera tas-soċjetà attriċi.*

*Apparti dan kollu l-Qorti fliet ukoll ir-ritratti esibiti minn Mario Gatt u s-sett l-ieħor esibit minn Ronnie Gatt. Minn analiżi ta' dawn ir-ritratti l-Qorti setgħet tinnota li fir-ritratti esibiti minn Ronnie Gatt il-vireg jidhru b'mod l-aktar ċar, 'il waħda mpoġġija bi dritt quddiem l-oħra bil-lasta ħamra u bandiera żgħira bl-istrixxi ħomor u bojod. Fir-ritratti esibiti minn Mario Gatt il-vireg ma jidhrux, madankollu dan l-attur jipprova jikkonvinċi l-Qorti li għad hemm virga waħda mdaħħla fl-art u anke mmarkaha hu, bil-kulur blu fir-ritratt MGA10. Il-Qorti iżda mhix konvinta li l-marka magħmula minn Mario Gatt hija tassew waħda mill-vireg li ddaħħlet mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta Road Construction Co. Limited u dan billi hija totalment differenti mill-vireg murija fir-ritratti esibiti minn Ronnie Gatt.*

*Barra minn hekk hija ta' importanza kbira dak li xehed Mario Gatt fejn bil-ġurament tiegħu afferma li l-vireg m'għadhomx fuq il-post billi s-soċjetà li jirrappreżenta hu ħaffret l-art li fiha kien hemm il-vireg (a fol 38 tal-proċess). Hija wkoll daqstant importanti x-xhieda mogħtija minn Victor Hili waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2022 fejn afferma illi meta infetħet il-kawża il-vireg kienu għadhom imdaħħlin fil-blat.*

*In vista ta' din ix-xhieda għalhekk il-Qorti fl-ewwel lok tqis li ġaladarba mill-atti jirriżulta li l-vireg m'għadhomx hemm għax is-soċjetà attriċi għoġobha tqatta' l-blat li fihom kien hemm imdaħħlin il-vireg bil-konsegwenza li dawn tneħħew, dan allura jfisser illi li kwistjoni ġiet riżolta fil-mori tal-kawża.*

*Madankollu l-Qorti ma tistax tieqaf hawn billi jrid jiġi deċiż min għandu jħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża u, «Meta l-mertu ta' kawża jiġi transatt jew, għal xi raġuni, eżawrit, fl-ipotesi ta' mankanza ta' ftehim bejn il-kontendenti dwar il-kap ta' l-ispejjeż, il-Qorti għandha tipprovdi għal kundanna dwarhom, wara li tkun eżaminat il-mertu tat-talba u tal-eċċezzjonijiet għaliha. Fi kliem ieħor, il-Qorti jkollha xorta waħda tiddelibera fuq il-fondament tat-talba għaliex id-dikjarazzjoni taċ-ċessjoni tal-mertu tal-kwistjoni ma jeżimix lill-ġudikant fil-mertu milli jippronunzja ruħu fuq l-ispejjeż tal-kawża meta dan il-punt ikun kap ikkuntrastat mill-partijiet. Id-duttrina l-aktar akkreditata tippreċiża li dan l-eżerċizzju għandu jkun ibbażat skont il-prinċipju tas-sokkombenza virtwali jew potenzjali. Li jfisser li l-provi jridu jiġu xorta waħda valutati mill-ġudikant anke jekk għal fini tar-regolamentazzjoni tal-ispejjeż m'għandux għalfejn joqgħod jagħti motivazzjoni dettaljata» (**Carmela sive Bella Hili v. Meli Car Rentals Limited et**, Appell (sede Inferjuri), deċiża fil-5 ta' Ġunju 2009).*

*Fil-każ odjern huwa paċifiku u ammess anke mill-konvenut Hili li meta l-kawża nfetħet il-vireg kienu għadhom hemm, imdaħħlin fil-blat tal-buffer zone. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-vireg effettivament twaħħlu fil-buffer zone li kif diġà ntqal aktar `il fuq, kienet għaxar metri wiesgħa – 5 metri n-naħa tal-barriera tal-atturi u 5 metri n-naħa tal-barriera tal-konvenuti. Fil-kawża odjerna iżda l-vireg tneħħew mill-atturi nfushom meta għoġobhom iħaffru l-blat li kien hemm fihom dawn il-vireg. Meta sar l-aċċess fuq il-post din il-Qorti ma rat l-ebda virga u lanqas setgħet tikkonstata f'liema distanza tpoġġew dawn il-vireg – jekk twaħħlux fil-ħames metri lejn il-barriera tal-atturi jew le, u għalhekk tqis li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li l-vireg twaħħlu fl-art fil-pussess tagħhom. Tqis li bl-aġir tagħhom l-atturi ħassru prova tant kruċjali u għalkemm huma jargumentaw illi anke l-konvenut Hili ammetta li l-vireg kienu għadhom fl-art meta nfteħet il-kawża, madankollu naqsu li jippruvaw illi l-vireg kienu mdaħħlin f'dik il-parti tal-buffer zone n-naħa tal-barriera tagħhom.*

> *A bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi u tordna li l-ispejjeż għandhom jkunu a karigu tagħhom.»*

7. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-28 ta' Lulju, 2023, bl-aggravji jkunu: (i) li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-fatti billi ma qisitx il-provi kollha u interpretat oħrajn b'mod ħażin; u (ii) li dik il-Qorti ma kellhiex tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża billi kellha ssib lill-appellata ħatja li wettqet spoll vjolenti kontrihom. Fuq is-saħħa t'hekk, l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, u tħassarha fil-bqija billi tilqa' t-talbiet kollha tagħhom, bl-ispejjeż kollha kontra Victor Hili u Joseph Grima f'isimhom propju jew bħala rappreżentanti tal-kumpanija Road Construction Co. Ltd.

8. Victor Hili u Joseph Grima f'isem il-kumpanija Road Construction Limited wieġbu għal dan l-appell fit-22 ta' Settembru, 2023, u hemmhekk huma ressqu għadd ta' raġunijiet għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. Dawn ma waqfux hawn, u fuq il-premessa li l-ilmenti tal-appellanti huma frivoli u vessatorji, huma talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-appellanti jħallsuhom l-ispejjeż għal darbtejn.

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni**

**u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. B'dan l-appell l-atturi, qegħdin jattakkaw dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti kkonkludiet li huma ma seħħilhomx juru li ġarrbu spoll, u dan billi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-vireg li wasslu għal din it-tilwima, twaħħlu fuq dik il-parti tal-art fil-pussess tagħhom. Minħabba f'hekk, l-appellanti qegħdin ukoll jilmentaw mill-kap tal-ispejjeż.

11. Għalkemm l-appellanti qegħdin jiġbru l-ilmenti tagħhom f'żewġ aggravji, il-Qorti tqis li fil-verità, il-qofol tal-kontestazzjoni tagħhom tikkonsisti fi kritika tal-apprezzament tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti, u dan b'mod partikolari f'dak l-istħarriġ dwar jekk huma rnexxilhomx jippruvaw li kienu jgawdu l-pussess fuq dik il-parti tal-art li fuqha twaħħlu l-vireg.

12. Huma u jikkritikaw l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti, l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti, inġustament waqqgħet il-kreddibiltà ta' Mario Gatt għal aktar minn darba, u dan fosthom: (i) f'dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha ngħad li Mario Gatt qal li l-«*buffer zone hija xi ħaġa fittizja»;* u (ii) f'dik il-parti li qieset li Mario Gatt ipprova jikkonvinċiha li għad hemm virga waħda mdaħħla fl-art, li mmarka bil-lewn

blu fuq ir-ritratt ***MGA10***, u li ma tixbah xejn lill-vireg li jidhru fir-ritratti ppreżentati minn Ronnie Gatt.

13. Wara li jfissru fit-tul għalfejn dawk il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma żbaljati, l-appellanti jgħaddu biex jikkritikaw dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha jingħad li huma ma seħħilhomx jippruvaw li l-vireg twaħħlu fuq dik il-parti tal-art fil-pussess tagħhom.

14. F'dan ir-rigward, jagħmlu referenza għall-fatt li waqt l-aċċess, l-Ewwel Qorti setgħet tara biċ-ċar li l-vireg ma kinux għadhom hemm, u dan għaliex dik il-parti tal-blat li tqiegħdu fuqha tqattgħet minnhom matul il-mixi tal-kawża. Jirraġunaw li dan il-fatt innifsu juri kif il-vireg twaħħlu fuq dak il-blat li jaqa' f'dik il-parti tal-art fil-konfini tal-barriera tagħhom, u dan għaliex li kieku ma kienx hekk, huma ma kinux ser iqattgħu dak il-blat.

15. Sfiq ma' dan, ifissru li l-*buffer-zone* hija medda ta' art li ma tistax tiġi mqatta' mill-partijiet, u jargumentaw li la huma qattgħu dik il-parti tal-blat fejn tqiegħdu l-vireg, mela allura, il-vireg ma setgħu qatt tqiegħdu fil-*buffer-zone*, bħalma qalet l-Ewwel Qorti.

16. Jirreferu mbagħad għax-xhieda ta' Mario Gatt, li fiha għamel referenza għar-ritratti ***MGA1*** sa ***MGA8***, li hemm fl-envelop jew busta, f'paġna 43 tal-atti tal-kawża, u jgħidu li minn hemmhekk jidher ħajt tas-

sejjieħ li jifred il-barriera tagħhom minn dik tal-appellata. B'referenza għar-ritratt ***MGA10***, jissottomettu li dak ix-xhud fisser kif fuq in-naħa tax-xellug ta' dak il-ħajt tas-sejjieħ, inkluż fejn hemm il-mogħdija, huwa parti mill-barriera tagħhom. Hawnhekk, ifakkru li l-appellant Mario Gatt kien saħansitra mmarka r-ritratti ***MGA10*** u ***MGA11*** bil-pinna ta' lewn kaħlani, u fihom wera kif il-vireg kienu twaħħlu f'dik il-parti tal-art li qiegħda fuq in-naħa tax-xellug tal-ħajt tas-sejjieħ, u għalhekk fil-parti tal-barriera li hija fil-pussess tagħhom.

17. Jissoktaw billi jirreferu għall-kitbiet privati li l-kumpanija appellata kienet għamlet ma' Richard dei Conti Stagno Navarra f'isem il-Benefiċċju Lajkali konvenut fis-sena 1998, u jfissru li b'dak il-ftehim huma kienu ngħataw konċessjoni li jqattgħu l-blat li hemm fuq dik il-medda ta' art murija fuq fil-pjanta ***Dok MG15*** f'paġna 44 tal-atti tal-kawża. Jgħidu li dwar dan xehed ukoll Ronnie Gatt, fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2019, u jfakkru li dan ix-xhud ikkonferma kif l-appellanti ilhom fil-pussess ta' dik l-art għal aktar minn għoxrin sena.

18. Sabiex isaħħu aktar l-argumenti tagħhom, l-appellanti mbagħad jirreferu għal dokument ***MG19*** f'paġna 57 tal-atti tal-kawża, li fih hemm stqarrija bil-kitba tal-Avukat Carmelo Galea, li l-kumpanija appellanti kienet ilha fil-pussess tal-art li dwarha feġġet din it-tilwima, sa mis-sena 1997.

19. B'żieda ma' dan kollu, jirreferu wkoll għar-rapport tal-pulizija tas-6 ta' Ottubru 2018 f'paġna 182 tal-atti tal-kawża u jargumentaw li l-fatt innifsu li l-ħaddiema tal-appellanti ċemplu minnufih lil Mario Gatt, hekk kif dawn lemħu lill-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-appellata jidħlu f'dik il-medda ta' art, ikompli juri kif dik l-art kienet tassew fil-pussess tagħhom.

20. F'dan il-kuntest, l-appellanti jirreferu wkoll għal xi ġurisprudenza u jisħqu li għal għanijiet ta' kawża ta' spoll, l-element tal-pussess għandu jitqies sodisfatt anke b'sempliċi detenzjoni, u jista' jkun saħansitra momentarju.

21. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji legali, kif ukoll tal-provi li għamlu referenza għalihom tul ir-rikors tal-appell, l-appellanti jisħqu li m'għandux ikun hemm farka dubju li huma rnexxielhom jippruvaw li kellhom il-pussess ta' dik l-art li fuqha twaħħlu l-vireg, u li b'hekk l-Ewwel Qorti kellha tqis l-element tal-pussess bħala sodisfatt.

22. Jissoktaw billi jgħidu li anke ż-żewġ elementi l-oħra ġew ippruvati, u dan billi Victor Hili stess ammetta li huwa kien dak li waħħal il-vireg fil-jum tas-6 ta' Ottubru 2018, u li dawk il-vireg kienu għadhom hemm sakemm inbdiet il-kawża fil-jum tas-16 ta' Novembru, 2018.

23. F’dan il-kwadru, l-appellanti jinsistu li huma rnexxielhom jippruvaw it-tliet elementi li huma meħtieġa mil-liġi sabiex iseħħ spoll, u peress li dawk l-elementi kienu lkoll għadhom jeżistu fil-mument li ressqu l-kawża, jisħqu li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda raġuni siewja fil-liġi sabiex tiċħad it-talbiet tagħhom, u agħar minn hekk tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

24. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija appellata twieġeb lura li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi kollha li tressqu quddiemha, u minħabba f’hekk tisħaq li m’hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti għandha tħarbat l-apprezzament tal-fatti mwettaq minn dik il-Qorti.

25. Dwar l-argument li l-vireg ma twaħħlux fiż-żona hekk imsejħa bħala *'buffer-zone’*, il-kumpanija appellata tgħid li l-appellanti qegħdin jippruvaw joħolqu konfużjoni bejn il-*‘buffer-zone’* imposta mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-permessi tal-barrieri, u l-*‘buffer’* kuntrattwali li hija ġiet obbligata żżomm mill-awtur fit-titolu tagħha.

26. F’dan ir-rigward, tirreferi għall-kuntratt ta’ konċessjoni enfitewtika tas-17 ta’ Settembru, 2018 fl-atti tan-Nutar Krystle Frendo Galea u tfisser li l-vireg tpoġġew bil-għan li jsir ‘*survey’* ta’ dik l-art konċessa lilhom, u propju sabiex tkun tista’ timmarka sa fejn hija setgħet tqatta’ l-blat skont

it-titolu tagħha.

27. L-appellata żżid li sal-jum li fih seħħ l-għemil li qegħdin jilmentaw dwaru l-appellanti, l-art li tqiegħdu fiha l-vireg ma kienet okkupata minn ħadd, u ma kinitx mimsusa. Dwar dan, tirreferi għar-ritratti ***MGA1*** sa ***MGA11***, kif ukoll għal dawk imressqa minn Ronnie Gatt, u tgħid li minn hemmhekk jidher kif l-art li fuqha tqiegħdu l-vireg kien għadha mhux imqatta' u saħansitra fi stat verġni. Skont l-appellata, dan il-fatt ixejjen il-verżjoni tal-appellanti li huma kien ilhom fil-pussess ta' dik l-art sa mis-sena 1997, u targumenta li kieku kien hekk, dawn kienu jqattgħuha jew inkella jaħdmuha.

28. B'rabta ma' dan, l-appellata tfakkar li kien biss wara li seħħ l-għemil li wassal għal din it-tilwima li l-appellanti bdew '*abbużivament*' iqattgħu l-art li fuqha twaħħlu l-vireg, u fid-dawl ta' dan targumenta li l-fatt waħdu tat-tqattigħ tal-blat li fuqu tpoġġew il-vireg ma jippruvax li l-appellanti kellhom il-pussess ta' dik l-art fiż-żmien li fih twaħħlu l-vireg.

29. Tissokta billi targumenta li l-għemil tat-tqattigħ tal-blat li kien hemm taħt il-vireg, wassal biex lanqas biss setgħet issir kostatazzjoni viżwali jew inkella teknika tal-vireg u tal-lok preċiż fejn twaħħlu, u fid-dawl ta' dan tisħaq li ma nġabet l-ebda prova li l-vireg twaħħlu f'xi parti tal-art li hija okkupata mill-appellanti.

30. F’dan l-isfond, tinsisti li l-appellanti ma ġabu l-ebda prova tal-fatt materjali tal-pussess tal-art li fuqha twaħħlu l-vireg, u żżid li lanqas ma tressqet xi prova li dik l-art kienet taqa’ fil-konfini ta’ xi waħda mill-konċessjonijiet li jgħidu li ngħataw mill-Benefiċċju Lajkali konvenut.

31. Tgħid li fuq kollox, l-appellanti riedu jressqu prova konklussiva li huma batew xi tnaqqis fil-pussess jew inkella tfixkil fil-jeddijiet tagħhom, u targumenta li l-appellanti ma setgħux iressqu prova ta’ dan jew tal-fatt materjali tal-pussess billi l-art li fuqha twaħħlu l-vireg għaddiet f’idejha b’kuntratt ta’ konċessjoni enfitewtika tas-17 ta’ Settembru 2018, fl-atti tan-Nutar Krystle Frendo Galea. Skont l-appellata, dan il-fatt tal-aħħar ixejjen ukoll l-element tal-vjolenza u dan għaliex fi kliemha, dan l-element ma jista’ qatt jirriżulta, jekk min aġixxa ikun għamel hekk fi ħwejġu.

32. Tagħlaq billi ttenni li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament tajjeb tal-provi kollha li tressqu quddiemha u peress li tqis l-ilmenti tal-appellanti għalkollox frivoli u saħansitra vessatorji, talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-appellanti jħallsuha l-ispejjeż għal darbtejn.

33. Il-Qorti, wara li qieset dan kollu jidhrilha li l-ilmenti tal-appellanti huma tassew mistħoqqa, u dan sa fejn qiegħed jingħad li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

34. Jibda billi jingħad li l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar jekk il-vireg twaħħlux f'dik il-parti tal-*'buffer-zone'* tal-permess tal-barriera tal-appellanti, jew inkella fil-*'buffer-zone'* tal-permess tal-barriera tal-kumpanija appellata hija għalkollox irrelevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża. Tassew, anke li kieku stess il-vireg twaħħlu f'dik il-parti tal-*'buffer-zone'* tal-permess tal-barriera tal-appellata, b'daqshekk ma jfissirx li dik il-parti tal-art kienet fil-pussess materjali tal-appellata u mhux tal-appellanti.

35. Kif ingħad għal għadd ta' drabi, dak li jħoll u jorbot kollox għall-għanijiet tal-prova dwar l-element tal-pussess huwa jekk bħala fatt materjali, il-pussess ikunx fil-persuna tal-vittma tal-ispoll (ara ***Raymond Grech v. Maria Concetta Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023). Konsiderazzjonijiet dwar permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar huma għalkollox irrelevanti għal dawn ix-xorta ta' tilwimiet (ara b'eżempju ***Annunziato Parnis et v. Emanuel Pisani****,* deċiża mill-Qorti tal-Appell, fit-28 ta' Marzu, 2014), u fuq hekk biss il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex raġonevoli.

36. Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, hemm provi biżżejjed li juru kif il-pussess tal-art li fuqha twaħħlu l-vireg, kienet f'idejn l-appellanti.

37. Ibda biex, l-appellanti għandhom raġun meta qed jgħidu li, kemm Mario Gatt kif ukoll Ronnie Gatt xehdu taħt ġurament, li dik il-parti tal-art, li tinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-ħajt tas-sejjieħ immarkata b'linja ħadra u li tidher fuq ir-ritratt ***MGA10*** (ara l-envelop f'paġna 43 tal-atti tal-kawża), ilha fil-pussess tagħhom għal aktar minn għoxrin sena, u li dak il-pussess kien għadu f'idejhom anke fil-jum li fih inqala' l-inċident li wassal għal din il-kawża.

38. Aktar minn hekk, kemm Mario Gatt, kif ukoll Ronnie Gatt, tennew għal aktar minn darba, li l-vireg twaħħlu fuq dik il-parti tal-art li tiġi fuq ix-xaqliba tax-xellug tal-ħajt tas-sejjieħ li jidher fuq ir-ritratt ***MGA10***, u li għalhekk twaħħlu fuq dak it-territorju li ilu fil-pussess tagħhom għal snin twal. Ta' min jgħid ukoll li dawn ix-xhieda mhux biss ikkonfermaw dan l-istat ta' fatt fl-affidavit rispettiv tagħhom, iżda wkoll fix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2019. Barra minn hekk, kull wieħed minn dawn ix-xhieda, wera wkoll fuq bosta dokumenti, il-lok approssimattiv ta' fejn kienu twaħħlu l-vireg (ara ***Dok MGA10*** u ***Dok MG15***, f'paġni 43 u 44 tal-atti tal-kawża, kif ukoll ***Dok RG1*** sa ***RG3***, f'paġni 97 sa 99 tal-atti tal-kawża).

39. Kif qegħdin jgħidu sewwa l-appellanti, il-provi li hemm fl-atti jsaħħu u mhux ixejnu l-verżjoni tax-xhieda ta' Mario u Ronnie Gatt.

40. Pereżempju, ir-rapport tal-pulizija dwar l-inċident li seħħ fil-jum li fih inqalgħet din it-tilwima (ara ***Dok JG1***, f'paġni 181 u 182 tal-atti tal-kawża) huwa prova oġġettiva dwar kif sa ftit tal-ħinijiet qabel ma twaħħlu l-vireg, Mario Gatt kien qiegħed iwettaq atti ta' pussess fuq l-art li dwarha qegħdin jitlewmu l-partijiet.

41. Kemm hu hekk, minn dak ir-rapport jidher li kemm Joseph Grima kif ukoll Victor Hili, bħala rappreżentanti tal-kumpanija appellata, stqarrew mal-pulizija li fl-għodwa tas-6 ta' Ottubru, 2018, Mario Gatt kien mar iwaqqaf lill-ħaddiema tagħhom milli jkomplu għaddejjin bis-*'survey'* fuq dik l-art u beda jgħidilhom biex jitilqu 'l barra minn hemm għaliex kienu daħlu ġewwa ħwejġu. L-istess stqarrija ngħatat ukoll minn Lewis Grima, li huwa t-tifel ta' Joseph Grima, u li kien wieħed minn dawk li mar iwettaq is-*'survey'* fl-art li fuqha eventwalment twaħħlu l-vireg. Bla dubju ta' xejn, imġieba bħal din, turi kif Mario Gatt kien tassew iqis l-art li fuqha eventwalment twaħħlu l-vireg, bħala fil-pussess materjali tiegħu.

42. B'żieda ma' dan, u kif qegħdin jgħidu sewwa l-appellanti, huwa wkoll relevanti l-fatt, li mir-rapport tal-pulizija, jirriżulta li Mario Gatt intebaħ b'dak li kien qiegħed iseħħ, hekk kif il-ħaddiema tiegħu ċemplulu biex iwissuh li kienu daħlu xi nies ġewwa l-barriera tagħhom. Naturalment, li kieku dik l-art ma kinitx fil-pussess tal-appellanti, il-ħaddiema tal-appellanti, x'aktarx, ma kinux ser iħossu l-ħtieġa li għandhom iċemplu lil

Mario Gatt biex javżawh b'dak li kien qiegħed iseħħ. Hekk ukoll, Mario Gatt ma kienx jirritorna minnufih lejn il-barriera sabiex ikeċċi lill-ħaddiema tal-appellata minn fuq dik l-art.

43. Ta' min jgħid ukoll li l-istess fatti li jirriżultaw mir-rapport tal-pulizija, ġew imtennija b'mod konsistenti minn Mario Gatt, kemm fl-affidavit tiegħu (ara paġna 29 tal-atti tal-kawża), kif ukoll fix-xhieda tat-28 ta' Mejju, 2019 (ara paġna 35 tal-atti tal-kawża).

44. Fihom infushom, ir-rapport tal-pulizija, flimkien max-xhieda ġuramentata ta' Mario Gatt u Ronnie Gatt kellhom għalhekk ikunu biżżejjed biex iwasslu lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha.

45. Dan jgħodd aktar u aktar, meta wieħed imbagħad iqis li x-xhieda ta' Mario u Ronnie Gatt hija saħansitra korroborata mill-avukat Noel Camilleri, li xehed kemm waqt is-seduta tas-7 ta' Frar, 2020, (ara paġna 80 tal-atti tal-kawża), kif ukoll b'affidavit (ara paġni 92 u 93 tal-atti tal-kawża).

46. Terġa' u tgħid, matul il-mixi tal-kawża, il-konvenuti la għamlu xi kontroeżami lil Mario jew Ronnie Gatt u wisq anqas lill-avukat Noel Camilleri. Agħar minn hekk, l-appellanti lanqas ma ressqu xi xhieda li

biha merew il-verżjoni tax-xhieda tal-appellanti, u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti żgur li ma tistax taqbel mal-appellata meta qiegħda tisħaq li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament tajjeb tal-provi.

47. Bil-kuntrarju ta' dak li qiegħda tgħid l-appellata, mir-ritratti li ressaq Ronnie Gatt, u speċjalment dawk immarkati bħala ***RG4***, ***RG5***, ***RG6*** u ***RG8*** (ara paġni 100 sa 102 u paġna 104 tal-atti tal-kawża), jidher biċ-ċar kif l-art li fuqha twaħħlu l-vireg kienet diġà disturbata bit-tqattigħ tal-blat, u għalhekk m'huwa xejn minnu li minn dawk ir-ritratti jidher li l-art ma kinitx okkupata jew kien għadha f'xi stat verġni. Anke però li kieku stess dan kellu jkun il-każ (li mhux), l-osservazzjoni tal-appellata ma tista' twassalha mkien, u dan għaliex imbilli l-art ma tkunx qiegħda tinħadem jew titqatta', ma jfissirx li dik l-art ma tkunx okkupata jew inkella li ħadd ma jkun qiegħed iwettaq xi eżerċizzju ta' pussess fuqha (ara b'anoloġija s-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***John Mary Schembri et v. Dominic Borg*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2010).

48. Daqstant ieħor mhuwiex ta' wens għall-appellata li targumenta li l-appellanti ma seħħilhomx jippruvaw li l-art li fuqha twaħħlu l-vireg kienet tifforma parti mill-art li ġiet konċessa lilhom permezz ta' żewġ skritturi privati li jmorru lura għas-sena 1998 (ara dokumenti ***MGA 16*** u ***MGA 17*** f'paġni 45 sa 50 tal-atti tal-kawża). Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li f'azzjoni ta' din ix-xorta, il-pussess jista' jkun ta' liema

xorta jkun (ara ***Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited v. Alexandra Balzan Ruggier et***, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010) u li f'kawżi bħal dawn il-Qorti m'għandhiex tistħarreġ jekk l-attur għandux jedd għall-pussess li jkun qiegħed jitlob li jikseb lura (ara ***Michelangelo Attard v. Joseph Bajada et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021).

49. Ingħad ukoll kemm-il darba li anke jekk l-attur ikun kiseb il-pussess mingħajr jedd fil-liġi u saħansitra b'arbitrarjetà jew abbuż, l-attur xorta waħda jkollu l-jedd li jdur fuq azzjoni ta' din ix-xorta biex iħares il-pussess tiegħu (ara ***Peter Paul Grima v. Savier sive Saviour Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju, 2015; ***Nazzareno Spiteri et v. Karl Busuttil et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015; ***Joseph Portelli v. Peter Paul Portelli*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju, 2010; u ***Alfred Galea et v. Albert Ellul et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April, 2007).

50. F'kull każ, u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti tosserva li lanqas ma huwa minnu li l-appellanti ma seħħilhomx jippruvaw li l-art li fuqha twaħħlu l-vireg tifforma parti mit-territorju li ġie konċess lilhom skont żewġ skritturi privati li jmorru lura għas-sena 1998 (ara dokumenti ***MGA 16*** u ***MGA 1***7 f'paġni 45 sa 50 tal-atti tal-kawża).

51. Minbarra li dan il-fatt tal-aħħar ġie mistqarr kemm minn Mario Gatt (ara paġna 29 tal-atti tal-kawża), kif ukoll mill-avukat Noel Camilleri (ara paġna 92 tal-atti tal-kawża), dan il-fatt joħroġ ukoll biċ-ċar mill-affidavit ta' Ronnie Gatt, li fih jirreferi għall-pjanta ***RG3***. li hemeż ma' dak l-istess affidavit (ara paġna 97 tal-atti tal-kawża) u li fiha mmarka, kemm fejn jiġi l-ħajt tas-sejjieħ li jidher fuq ir-ritratt ***RG*** (f'paġna 96 tal-atti tal-kawża), kif ukoll il-lok approssimattiv ta' fejn twaħħlu l-vireg. Din il-marka tal-aħħar, li hija rappreżentata b'linja maqtugħa ta' lewn vjola bejn l-ittri ***Ċ*** u ***D***, taqa' fil-konfini tas-sit immarkat bil-lewn ikħal fuq il-pjanti mehmuża mal-iskritturi ***MGA 16*** u ***MGA 17*** (ara paġni 47 u 50 tal-atti tal-kawża), u għalhekk minn hemm jidher ċar kif il-vireg twaħħlu fil-konfini tal-art konċessa lilhom għat-tqattigħ tal-blat.

52. L-istess jidher mill-pjanta ***MG15***, li xehed dwarha Mario Gatt fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2019, u li matul dik is-seduta, l-istess xhud immarka dik il-pjanta bil-pinna ta' lewn kaħlani biex juri l-lok approssimattiv ta' fejn kienu twaħħlu l-vireg mir-rappreżentanti tal-appellata (ara paġni 40 u 44 tal-atti tal-kawża).

53. Huwa wkoll ħażin l-argument tal-appellata li l-appellanti ma setgħux jippruvaw il-fatt materjali tal-pussess, u dan billi dik l-art li fuqha twaħħlu l-vireg, ġiet eventwalment konċessa lilhom b'kuntratt tas-17 ta' Settembru 2018, fl-atti tan-Nutar Krystle Frendo Galea. Minbarra li dan il-kuntratt ma

jinsabx fl-atti tal-kawża, f'kull każ, anke li kieku huma tassew akkwistaw xi titolu fuq dik l-art, b'daqshekk ma jfissirx li huma neżżgħu lill-appellati mill-pussess materjali ta' dik l-art (ara ***Stephan Attard v. Darren Bartolo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2010).

54. Tħares minn fejn tħares, l-appellata m'għandhiex għalhekk raġun meta qiegħda tinsisti li din il-Qorti m'għandiex tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam ma' dik il-parti li fiha kkonkludiet li l-appellanti ma seħħilhomx jippruvaw il-fatt materjali tal-pussess fuq dik l-parti tal-art li fuqha twaħħlu l-vireg.

55. Hekk ukoll mhuwiex fejjiedi l-argument tal-appellata li l-element tal-fatt materjali tal-ispoll huwa nieqes peress li l-vireg tpoġġew fuq dik il-medda ta' art li hija allegatament akkwistat bil-kuntratt tas-17 ta' Settembru, 2018. Filwaqt li l-Qorti diġà fissret li l-appellata mank biss ressqet prova tal-kuntratt li qiegħda tirreferi għalih, f'kull każ, anke li kieku stess hija akkwistat dak it-titolu, jibqa' xorta waħda l-fatt li hija ma setgħetx taqbad u tieħu l-liġi b'idejha billi tidħol f'dik l-art kontra r-rieda espressa tal-appellanti (ara ***George Falzon v. Joseph Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Diċembru, 2001).

56. Ingħad kemm-il darba li biex jirriżulta l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhuwiex meħtieġ li jiġi ppruvat il-'*vis atrox'* (i.e. vjolenza atroċi) jew

'*le vie di fatto'*, imma hu biżżejjed li jkun hemm in-nuqqas tal-kunsens, espress jew taċitu ta' min iġarrab l-ispoll (ara ***Selby Limited v. John Caruana et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022 u ***Mario Formosa Holt v. Angelo Aquilina*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2014).

57. F'dan il-każ, Mario Gatt fisser li r-rappreżentanti tal-appellata waħħlu l-vireg ġewwa l-art kontra r-rieda espressa tiegħu, kif ukoll saħansitra kontra taħditiet li kien hemm fuq it-telefon bejn l-avukati tal-partjiet. Dan il-fatt tal-aħħar ġie wkoll mistqarr mill-avukat Noel Camilleri, li kemm fl-affidavit tiegħu (ara paġna 93 tal-atti tal-kawża), kif ukoll fix-xhieda mogħtija minnu waqt is-seduta tas-7 ta' Frar, 2020 (ara paġna 80 tal-proċess), tenna li huwa wissa lill-avukat Carmelo Galea sabiex ma jitwaħħlu l-ebda vireg fl-art.

58. M'hemmx dubju li l-appellati għamlu ta' rashom, u kif qegħdin jgħidu sewwa l-appellanti, fil-kontroeżami tas-7 ta' Ottubru 2022, Victor Hili stess ammetta li kien huwa li waħħal il-vireg fl-art, u li dawk il-vireg baqgħu ma tneħħewx sa meta nbdiet il-kawża.

59. L-element tal-fatt materjali tal-ispoll huwa għalhekk ukoll ippruvat, u ġaladarba m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li din il-kawża nbdiet fi żmien xahrejn minn meta twaħħlu l-vireg, il-Qorti qiegħda tikkonkludi li l-

appell tal-atturi huwa mistħoqq u dan sa fejn qiegħed jingħad li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel talba tagħhom u ssib lill-appellata ħatja ta' spoll.

60. B'daqshekk, ma jfissirx però li l-appellanti għandhom raġun meta qegħdin jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talbiet tagħhom, u konsegwentement tordna lill-appellata tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

61. Matul il-mixi tal-kawża rriżulta li min-naħa tagħhom l-appellanti ħadu wkoll il-liġi b'idejhom billi minflok ma stennew id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, qabdu u minn rajhom neħħew il-vireg biex ikunu jistgħu jqattgħu l-blat ta' taħthom.

62. Bla dubju ta' xejn, dan l-għemil wassal biex it-tieni u t-tielet talbiet sabiex jitneħħew il-vireg sfaw superfluwi għalkollox (ara ***Fenlex Enterprises Limited et v. Paul Camilleri et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-24 ta' Ġunju, 2015 u ***Emanuel Mizzi et v. Pavle Milovanovic et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023).

63. Minkejja dak li għamlu, l-appellanti baqgħu ma rtirawx it-tieni u t-tielet talbiet, u peress li fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija obbligata li tiddeċiedi wkoll dwar dawk it-talbiet, il-Qorti ma fadlilha l-ebda għażla oħra għajr li tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet.

64. Dan iwassal biex kemm l-appellanti kif ukoll l-appellata huma telliefa f'xi punt tal-kawża, u fid-dawl tal-mod xejn eżemplari ta' kif l-appellanti għażlu li jimxu, kif ukoll ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti jidhrilha li l-appellanti ma jistgħux jippretendu li l-appellata għandha tbati l-ispejjeż kollha tal-kawża.

65. Fuq kollox, l-appellanti talbu lill-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti ħelset lill-konvenuti kollha għajr lil Victor Hili u lil Joseph Grima bħala rappreżentanti tal-kumpanija appellata, u fuq hekk biss, l-appellanti lanqas m'għandhom raġun li jippretendu li l-appellata għandha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

66. L-appell ser ikun għalhekk jiġi milqugħ biss f'parti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** parti mill-appell tal-atturi u filwaqt li qiegħda **<u>tikkonferma</u>** s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) sa fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u ħelset lill-konvenuti kollha, għajr għal Victor Hili u Joseph Grima bħala

rappreżentanti tal-kumpanija Road Construction Co. Ltd, mill-ħarsien tal-ġudizzju, **<u>tħassarha</u>** fil-bqija, u minflok:

(i) **Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

(ii) **Tilqa'** l-ewwel talba tal-atturi u **tiddikjara** li l-vireg u kull sinjal ieħor imwaħħla f'isem il-kumpanija Road Construction Co. Ltd. kienu illegali, abbużivi, invadenti u t-twaħħil tagħhom ikkostitwixxa spoll kontra l-atturi;

(iii) **Tiċħad** it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi minħabba li l-vireg u kull sinjal ieħor tneħħew mill-atturi stess waqt li kienet għaddejja l-kawża; u

(iv) **Tordna** li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti jitħallsu nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti Victor Hili u Joseph Grima bħala rappreżentanti tas-soċjetà Road Construction Co. Ltd., inkluż ukoll fejn għandhom x'jaqsmu mal-ispejjeż tal-konvenuti l-oħra li ġew meħlusa mill-ħarsien tal-ġudizzju, ladarba l-konvenuti kollha ressqu risposta waħda bejniethom.

(v) L-ispejjeż kollha tal-appell għandhom ukoll jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti Victor Hili u Joseph Grima bħala

rappreżentanti tas-soċjetà Road Construction Co. Ltd.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da